MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 557/2004

**SMS Insurance Agency Limited agent tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha s-socjeta` Time International Co Ltd**

**vs**

**Airmalta Co. Ltd , Freight Services Limited, u b'digriet tal-31 ta' Mejju tas-sena 2001 is-socjeta` "Alitalia Airlines" giet imsejha fil-kawza u b'digriet tal-10 ta' Awissu tas-sena 2001 l-isem "Alitalia Airlines" gie mibdul bl-isem "Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a. u in oltre b'digriet tas-26 ta' Mejju tas-sena 2008 il-kliem "Air Malta Co. Ltd" gew sostitwiti bil-kliem "Air Malta p.l.c."**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata d-19 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici nominee harrket lis-socjeta' konvenuta hemm indikata, u b'digriet datat il-31 ta' Mejju tas-sena 2001 is-socjeta' kjamata in kawza, li kif jidher mid-digriet datat l-10 t'Awissu tas-sena 2001 isimha kien gia sostitwit b'dak hemm indikata u wara li ppremettiet dak minnha indikat fl-imsemmija citazzjoni tablet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma kellhomx ikunu:

(1) Iddikjarati illi s-socjeta' "Time International Co. Ltd." Sofriet Danni minhabba s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, u li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofriet is-socjeta' msemmija;

(2) Ikkundannati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija tlieta u hamsin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM1653.48,0), bl-imhgax sad-data tal-hlas effettiv;

(3) Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Marzu, 2001, u s-socjetajiet konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni kongunta annessa u debitament mahlufa li fiha riassunt tal-premessi attrici, oltre d-debita lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "Air Malta Company Limited" datata t-22 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-merkanzija de quo ngarret mill-vettural Alitalia Airlines ghalhekk dan il-Carrier ghandu jissejjah fil-kawza;

2. Illi fit-tieni lok ma jidhirx li d-ditta ricevitrici u/jew l-Assikurazzjoni attrici nterpellaw lill-vettural u jew

lis-socjeta’ eccipjenti fit-termini prevvisti fil-kondizzjonijiet tal-garr u mill-ligi;

3. Illi f’kull kaz is-socjeta` eccipjenti ma hijiex responsabbli ghal ebda dannu reklamat mis-Socjeta` attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni kongunta annessa u debitament mahlufa li fiha gie riassunt l-analizi fattwali tas-socjeta` konvenuta, oltre d-debita lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` “Freight Services Limited” datata t-22 ta’ Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija m’hiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsara allegati mis-socjeta` attrici fil-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll d-debita dikjarazzjoni kongunta annessa u mahlufa li fiha gie riassunt l-analizi fattwali ta’ din is-socjeta’ partikolari, oltre d-debita lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` “Alitalia Airlines” sussegwentement sostitwit bl-isem “Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a.” datata t-23 ta’ Lulju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-ditta “Alitalia Airlines” ma tezistix u ghalhekk mhix il-legittimu kontradittur imma se mai is-socjeta` jisimha “Alitalia Lienee Aeree Italiane Spa.” kif debitament registrata malta mal-Malta Financial Services Centre” u li ggib in-numru tar-registrazzjoni O.C. 192;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda talba ma saret lis-socjeta` eccipjenti fit-termini previsti fil-kondizzjonijiet tal-gar a tenur tal-Warsaw Convention u mil-ligi;

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mhux dovut;

4. Illi f'kull kaz is-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni kongunta annessa u debitament mahlufa li fiha gie riassunt l-analizi fattwali ta' din is-socjeta` partikolari, oltre d-debita lista tax-xhieda;

Rat id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datat is-6 t'Awissu tas-sena 2001 li permezz tieghu ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti tal-kawza kif mitluba ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 rigwardanti isem is-socjeta` estera "Alitalia Linee Aeree Italiane S.p.a.";

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata l-4 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha wara li ppremettiet illi fil-mori tal-kawza kien gie redatt u promulgat l-Att Numru IX tas-sena 2004 li kien allura jaghmilha possibbli li kawzi b'talbiet ta' valur li ma jeccedix l-ammont hemm indikat setghu jkunu trasferiti lill-Qrati tal-Magistrati sabiex jigu hemm konkluzi u li konsegwentement ipprezentat talba biex isir propju hekk;

Rat id-digriet tal-qorti fuq indikata datat l-14 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu ordnat li l-kawza de quo tigi kkancellata minn fuq il-lista u rinvjata lill-Qorti tal-Magistrati;

Rat l-avviz datat is-16 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu din il-kawza giet rinvjata quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Rat il-verbal datat it-8 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu, wara li kienu precedentement gew debitament notifikati l-partijiet kollha involuti, il-kawza setghet fl-ahhar tipprocedi regolarment;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda gia` prodotta u mismughha precedentement minn qorti ohra;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datat t-8 t'April tas-sena 2008;

Rat in-noti responsivi tal-partijiet l-ohra involuti rispettivament datati t-13 ta' Mejju tas-sena 2008 u l-14 ta' Mejju tas-sena 2008;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici kienet assikurat merkanzija, senjatament nuccalijiet tax-xemx tad-ditta Oakley, li kienet ingiebet minn barra;

2. Illi meta din il-merkanzija wasslet Malta instab li uhud min-nuccalijiet kienu neqsin;

3. Illi t-trasport tal-merkanzija de quo kien fdat f'idejn is-socjeta` Freight Services Limited;

4. Illi s-socjeta` assikuratrici ghamlet tajjeb ghan-nuqqasijiet riskontrati u giet debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-istess;

5. Illi rrizulta li kien hemm ekwivalenti ghall-elf sitt mija u tletin Lira Maltin (LM1,630) f'nuccalijiet nieqsa (ara fol 83);

6. Illi meta l-merkanzija giet rilaxxata mid-dwana, il-kaxxa li kienet fiha ma kellha l-ebda marki;

7. Illi pero` skond ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici r-rapport tad-dwana kien jindika xi danni jew nuqqasijiet (ara fol 96), meta l-merkanzija kienet rilaxxata f'Lulju tas-sena 2000, (ara fol 102);

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-merkanzija giet trasportata minn Ruma f'ajruplan tas-socjeta` Alitalia li gabet il-merkanzija f'Malta u giet debitament konsenjata ghand l-impjegati tas-socjeta` Airmalta;

Illi jirrizulta li sakemm il-merkanzija de quo kienet f'idejn is-socjeta` taljana jirrizulta li kienet intatta u kien biss wara li din ghaddiet f'idejn l-impjegati ta' l-Air Malta li l-posizzjoni nbidlet;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm is-socjeta` Air Malta ssostni fl-eccezzjonijiet taghha li ma kienetx infurmata tempestivament pero` xejn ma jbiddel il-fatt li l-istess hsarat riskontrati kienu sehhew meta l-merkanzija de quo kienet fil-pussess ta' l-istess socjeta`;

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Air Malta Company Limited, takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Freight Services Limited u ta' l-Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a. u tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` Air Malta Company Limited biex thallas lis-socjeta` attrici SMS Insurance Agency Limited nominee l-ammont ta' elf sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u tmienja u erbghin

centezmu (LM1,653.48,0), ekwivalenti ghal tlett elef tminn mija u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu, (€3,851.57), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------